DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/96

tal-21 ta' Jannar 2019

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 ([1]).

(2) Żewġ persuni fiżiċi msemmija fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 mietu u jenħtieġ li l-entrati tagħhom jitneħħew minn dak l-Anness.

(3) Jenħtieġ li l-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li thassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

ANNESS

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, l-Anness II, il-Parti (I)(A), jitneħħew l-entrati li ġejjin:

2. CHU Kyu-Chang (D.O.B. 25.11.1928)

4. KIM Yong-chun (D.O.B. 4.3.1935).